MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 262/2012

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Attard)
vs
**Ryan Briffa**

iben Alfred, imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu, 1990, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 169990(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ryan Briffa, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) –

Talli fit-12 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' 22.45 gewwa Triq il-Barrakki, Qormi:
(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2010;

(2) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;
(3) Saq il-vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(4) Ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-periodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu fis-17 ta' Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(5) Sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Gunju, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Talli <u>fit-13 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' 10.00 gewwa Triq il-Kbira, Qormi:</u>

(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2010; (2) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;
(3) Saq il-vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(4) Ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-periodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu fis-17 ta' Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(5) Talli sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Gunju, 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.
Talli <u>fit-19 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' 10.15 gewwa Triq San Frangisk, Qormi:</u>
(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2010; (2) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;
(3) Saq il-vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(4) Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, PS 772 D Agius, waqt il- qadi ta' dmirijietu, meta

kien gja gie mwaqqaf qabel milli jsuq fit 13 ta' Novembru 2011;
(5) Ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-perjodu attiv tas-sentenza sospiza mposta fuqu fis-17 ta’ Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(6) Sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta’ Gunju, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Talli <u>fit-23 ta' Novembru 2010 ghal habta ta' 10.00 gewwa Triq il-Kbira, Qormi:</u>

(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Gunju, 2010;
(2) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;
(3) Saq il-vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(4) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellha l-hgieg skurat b'mod li ma jippermettix li jidhol dawl kemm tippermetti l-ligi u meta kellha xi kulur, film, sustanza jew materjal iehor minghajr il-permess ta' l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta;
(5) Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietu;
(6) Ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-periodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu fis-17 ta’ Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(7) Sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta’ Gunju, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.
Talli <u>fit-20 ta' Dicembru 2010 ghal habta ta' 11.40 gewwa Triq l-Isqof Scic1una, Qormi:</u>
(1) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Gunju, 2010; (2) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;

(3) Saq il-vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(4) Saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457 meta kellha l-hgieg skurat b'mod li ma jippermettix li jidhol dawl kemm tippermetti l-ligi u meta kellha xi kulur, film, sustanza jew materjal iehor minghajr il-permess ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta;
(5) Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijietu;
(6) Ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-periodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu fis-17 ta' Gunju,2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(7) Sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Gunju, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-akkuzat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall periodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu piena komplessiva ta' habs ghall-sentejn u multa ta' sitt elef u disa mija Euro (€6,900) filwaqt illi issospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghall periodu ta' sena;

Il-Qorti wara illi rat il-persistenza ta' l-imputat illi jikser l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi ripetutament u minkejja ordnijiet moghtija lilu minn diversi Qrati, a tenur ta' l-artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457.

Rat ir-rikors tal-appellant Ryan Briffa minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern .

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-Appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna il-piena. Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena nflitta fuqu zgur se tkun ta' deterrent ghalih; ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta, l-aktar meta wiehed jikkonsidra illi dawn l-akkuzi jirrigwardjaw ksur ta' ligi tat-traffiku fejn ma wegga hadd u l-appellant, ghalkhemm kiser il-ligi, ma kien ta' periklu ghal hadd, fil-fatt qatt ma gie akkuzat b'sewqan traskurat jew perikoluz.

F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-appellant l-ewwel Qorti fil-waqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita’ taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita’, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi fis-sistema taghna se tigi ntrodotta l-parole li certament hija xhieda ta' dak kollu li ghadu kemm inghad.

L-appellanti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kawza ‘Il-Pulizija vs Carmen Butler’, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel  Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' ‘Il-Puliziia vs Chariot Aquilina’, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru,

tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija nstabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga, u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin, li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv . Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'

Fis-sentenza, 'Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia', deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, fil-waqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk. Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarja disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha

xi mizura ohra taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet, ‘Il-Pulizija v. George Farrugia’. Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitoli 152 tal-Ligijiet ta’ Malta; il-bqija tal-kundanni, pero’, jinvolvu multi u habs . "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal *"first offenders"* zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna ‘a window of opportunity’ li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Illi wiehed irid jikkonsidra wkoll l-eta’ zghira ta' l-appellant, illi meta sehh ir-reat kellu biss ghoxrin sena (20). Inoltre, jekk wiehed jifli l-fedina penali ta' l-appellant, ghalkemm din mhux wahda netta, fil-maggior parti taghha, r-reati kommessi minnu jikkoncernaw principarjament ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi ghandu jinghad minghajr ebda tlaqliq li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi wahda fil-parametri dettati mill-ligi u ma hemm xejn x'jingghad dwarha.

Illi min-naha l-ohra l-appellant gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal fatt li fl-istess gurnata hu gie kkundannat mill-istess Qorti ghal perjodu twil ta' prigunerija fuq l-istess reati. Minn dawn is-sentenzi l-appellant ma nterpona ebda appell u llum jinsab il-habs jiskonta il-piena nflitta b'dawk is-sentenzi.

Illi l-abbli difensur tal-appellant gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn persuni akkuzati b'reati aktar gravi minn dak in ezami nghataw "a window of opportunity". F'dan il-kaz, l-appellant ghandu jinghata dan ic-cans billi qed ikollu zmien bizzejjed biex jirrifletti fuq l-azzjonijiet tieghu li ma kienu xejn ghar milli sfida lill-awtoritajiet.

Illi din il-Qorti jaqbel ma dan l-argument in vista wkoll tal-kazijiet citati fir-rikors tal-appell.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li tirrigwarda l-htija tal-appellant. Tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li tirrigwarda l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 457, liema vettura hi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta. Tikkonferma s-sentenza appellata ghal li tirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u tordna li tali sospensjoni tal-licenzja tidhol fis-sehh wara li jiskonta l-piena karcerarja attwali. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-piena u minflok il-piena karcerarja u il-multa nflitta tissostitwiha bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------